KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# L-Attiviżmu taż-Żgħażagħ fil-Politika




Il-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2020 Edizzjoni numru 18

# Lista tal-kontenut

1. Kunsill Lokali b'vuċi żgħażugħa b'saħħita...pg 4

2. Taħriġ u tagħlim politiku fl-iskejjel tagħna - Sistema edukattiva aktar ħolistika...pg 5

3. L-introduzzjoni t'elementi relatati mal-politika f'livell t'edukazzjoni Primarju...pg 5

4. Nikkreaw lok ta' diskussjoni politika f'istituzzjonijiet post-sekondarji...pg 6

5. NGO's jkollhom opprotunita ta' pjattafroma attiva ġewwa l-iskejjel...pg 6

6. Ngħollu l-livell tal-Assoċjazzjonijiet tal-istudenti u kif wkoll ikun hemm akkreditazzjoni mistħoqqa għall-Attiviżmu...pg 7

7. Għajnuna b'rivużjoni għall-istudenti li m'għandhomx impjieg full time li jixtiequ jikkandidaw ruħhom għall-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali...pg 7

8. Parteċipazzjoni fuq livell Ewropew...pg 8

9. Opportunitajiet għaż-żgħażagħ lil hinn mill-bank tal-iskola għal dawk iż żgħażagħ Full Timers...pg 9

# Introduzzjoni

L-Attiviżmu taż-Żgħażagħ fil-politika, ċertament li hija tema kurrenti minħabba bosta fatturi. Tlaqna mill-punt tal-passat riċenti fejn wieħed jinnota l-Vot16. Dan ġie estiż għal kull elezzjoni sa mill-elezzjoni ġenerali li jmiss. Dritt bħal dan kompla jitfa' fiċ-ċentru tal politika lokali, nazzjonali u Ewropea l-opinjoni taż-żgħażagħ.

Investigajna għaliex nemmnu li fost iż-żgħażagħ hawn nuqqas t'attiviżmu. Ippruvajna naslu għall-konklużjonijiet li jaf jagħmluha aktar diffiċli għal dak iż-żagħżugħ jew żagħżugħa li forsi komplew il-vjaġġ edukattiv tagħhom. Fuq in-naħa l-oħra nsibu problema oħra; li jkollok żgħażagħ li huma diffiċli biex tilħaqhom għaliex per eżempju jidħlu fid-dinja tax-xogħol fost ċirkostanzi oħra. Madanakollu, kif wieħed ser jinnota matul dan id-dokument, bħala partit ma waqafniex mal-politika partiġġjana jew magħrufa aħjar bħala dik tal-kuluri. Iżda, dħalna aktar fil-fond tad-definizzjoni nfisha.

Bdejna b'mistoqsijiet importanti eżempju; x'inhi l-politika? Għalhekk indirizzajna dan it titlu billi dħalna f'aspetti differenti fil-ħajja taċ-ċittadin Malti. Insemmi l-edukazzjoni, parti importanti mis-soċjetà tagħna li tifforma l-futur ta' pajjiżna. Tajna ħarsa lejn il-kultura Maltija billi iddiskutejna fejn iż-żgħażagħ jistgħu jkunu aktar attivi fis-soċjetà. Fl-aħħar iffokajna wkoll il-ħidma tagħna fuq l-istituzzjonijiet politiċi f'pajjiżna bil-Kunsilli Lokali fost l-oħrajn. Nemmnu li l-Kunsilli Lokali huma l-ewwel pass għall-persuna li tixtieq tidħol fil ħajja pubblika sabiex tagħti s-servizz tagħha. Innutajna wkoll problemi li ż-żgħażagħ jistgħu jħabbtu wiċċhom magħhom fil-Kunsilli Lokali. Iffinalizzajna din il-ħidma billi ikkonsultajna ma' stakeholders fil-qasam, insemmi l-fergħat taż-żgħażagħ fi ħdan il partiti politiċi, membri parlamentari miż-żewġ naħat tal-kamra u oħrajn. Minn hawn nieħdu l-okkażjoni sabiex nirringrazzjawhom talli taw kontribut meħtieġ f'dan il-proġett.

Fl-aħħar, wara diskussjoni intiża permezz tar-riċerka li wettaqna, ħriġna b'rakkomandazzjonijiet u ideat li nemmnu li ser jgħinu lil pajjiżna f'dan il-qasam taż żgħażagħ. Nemmnu li bħala pajjiż għandna potenzjal kbir permezz taż-żgħażagħ tagħna, imma nkunu qed nonqsu jekk dan il-potenzjal ma nutilizzawhx għall-ġid ta' pajjiżna stess. Minn hawn nappellaw lill-politiċi biex iqisu u jikkonsultaw dan id dokument li l-għan tiegħu huwa li jtejjeb l-attiviżmu taż-żgħażagħ, għaliex aħna ż żgħażagħ il-mutur ta' pajjiżna. Nirringrazzjaw lill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ li jilgħab parti importanti fil-qasam u tal-opportunità li ta lilna f'din l-edizzjoni tal-Parlament taż-Żgħażagħ 2020.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# Proposti

## 1. Kunsill Lokali b'vuċi żgħażugħa b'saħħita

Il-Kunsilli Lokali huma l-aktar forma bażika ta' gvern fil-pajjiż, b'ħafna xogħol li jsir mill-kunsilliera biex itejbu l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini. Il-membri tal-Kunsilli Lokali spiss huma l-punti ta' kuntatt primarji meta sseħħ problema fil-lokalità, billi jservu bħala riżorsa aċċessibbli għaċ-ċittadini. Ħafna deċiżjonijiet jittieħdu mill-Kunsill, dwar aspetti varji fil-lokalità. Għalhekk, importanti li jingħatha leħen liż-żgħażagħ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan il-Kunsilli Lokali għaliex dawn jistgħu jagħtu perspettiva unika.

Importanti li nkomplu nkattru l-interess fost iż-żgħażagħ fuq politika ta' livell lokali. Aħna nemmnu li għandhom ikunu mħeġġa l-kunsilli lokali taż-żgħażagħ f'Malta u Għawdex hekk kif mhux kull lokalità għandha kunsill taż-żgħażagħ. Din tgħin sabiex iż-żgħażagħ ikunu aktar attivi fil-lokalità tagħhom u fil-politika. Din tkun ta' ghajnuna wkoll biex ikun hemm aktar attivitajiet fil-lokalità u tgħin billi ż-żgħażagħ l-oħra jħossuhom rappreżentati.

Iż-żgħażagħ li jifformaw dawn il-Kunsilli Lokali għandhom jiltaqgħu b'mod frekwenti ma' xulxin, mas-sindku tal-lokalità, kif ukoll mar-rappreżentant taz-żgħażagħ fil-Kunsill biex jiddiskutu l-bżonnijiet tar-residenti. B'hekk, iż-żgħażagħ jistgħu jagħtu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom u jgħinu fit-tmexxija tal-Kunsill. Il-Kunsilli Lokali taż-żgħażagħ jistgħu jiġbdu iktar żgħażagħ lejn il-Kunsilli Lokali u fil-perjodu fit-tul, iħeġġu ż-żgħażagħ jipparteċipaw bħala kandidati fl-elezzjonijiet, kemm tal-Kunsilli Lokali kif ukoll dawk ġenerali u Ewropej.

Apparti minn hekk, għandu jkun hemm opportunità għal dawk l-istudenti li għandhom interess fil-politika biex ikollhom esperjenza '*hands-on*' bis-saħħa ta' skemi ta' xogħol fit-tmexxija fil-komunità bi ħlas. Bi studenti jaħdmu dirett fil-lokalitajiet tagħhom bħala '*summer job*' qed ikunu offruti kemm esperjenza ta' ħidma fi gvern lokali u kif ukoll esperjenza diretta ma' politika lokali li tista' tkompli tqajjem ħeġġa għall-karriera 'l quddiem fil-ħidma politika.

**Apparti dan, il-kunsilliera għandhom ukoll joffru ċ-ċans liż-żgħażagħ fil-lokalità tagħhom biex ikollhom esperjenza ta' '*shadowing*' fejn isegwu lill-istess kunsilliera waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom fil-Kunsill u anke jgħinuhom fl-istess xogħol.**

Importanti li jiġu allokati aktar fondi biex il-Kunsill taż-żgħażagħ ikun jista' jwettaq iktar proġetti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali u kif ukoll potenzjalment ma' xi aġenzija bħall-Aġenzija Żgħażagħ. Importanti li jkun hemm skemi bħal dawn għaliex huma inizjattvi bħal dawn li joffru l-opportunità biex il-Kunsill Lokali taz-żgħażagħ jikber u jkollu iktar potenzjal.

Huwa tajjeb li nħeggu u nippromovu iz-żgħażagħ fil-politika imma rridu nkunu l-vera protagonisti ta' dak li ngħidu. Żgħażagħ ta' 16 u 17-il sena, apparti jivvutaw, tħallew jikkandidaw ruħhom għall-elezzjonijiet. Jekk vera nemmnu fid-demokrazija, irridu ngħixuha. Li żgħażagħ ta' 16 u 17 il-sena jiġu eletti sindki u viċi-sindki u ma jistgħux

jieħdu din il-pożizzjoni hija assurda. Hija inġusta li ngħidu li nemmnu fihom imma meta jasal il-mument ta' prova tgħalqilhom il-bieb f'wiċċhom. Nemmnu li nistgħu nsibu bilanċ bejn il-liġi u d-demokrazija. Xejn mhu impossibli, kulma hemm bżonn ir-rieda u l-fiduċja f'dak li suppost nemmnu fih. Bis-saħħa ta' diskussjonijiet u mekkaniżmu li jagħti fiducja liż-żgħażagħ, nemmen li din nistgħu ngħlebuha u noffru l-opportunità li ż-żgħażagħ ikunu mhux biss il-futur imma l-preżent.

Sabiex ikun hemm rappreżentanza ikbar tal-vuċi żagħżugħa fuq livell parlamentari, wieħed irid jibda bi trawwim fuq livell ta' Kunsill Lokali. Il-kunsilliera żgħażagħ għandhom ikunu infurmati u mħarrġa sew fuq x'inhu l-irwol tagħhom u kif għandhom iwettqu dan speċjalment jekk ikunu l-ewwel darba eletti f'Kunsill Lokali. Dan għandu jinkludi korsijiet dwar l-immaniġjar, l-ippjanar, l-importanza ta' politika bilanċjata, it-tqassim tal-ħin, u oħrajn. Importanti li l-vuċi tal-kunsilliera żgħażagħ tiġi stmata daqs ta' xi ħadd li ilu fil-Kunsill żmien biex b'hekk nassiguraw li jkun hemm livell ugwali bejn kulħadd.

**<u>2. Taħriġ u tagħlim politiku fl-iskejjel tagħna - Sistema edukattiva aktar ħolistika</u>**

Hija ta' sfortuna kif il-politika għadha tiġi meqjusa bħala 'taboo' fl-iskejjel, u din hija ferm iktar inkwetanti meta wieħed jiftakar li ngħata d-dritt tal-vot għaż-żgħażagħ ta'16-il sena 'l fuq. B'hekk, il-politika bħala dixxiplina u anke bħala suġġett għandha tingħata l attenzjoni li tistħoqilha fl-iskejjel tagħna.

Waħda mill-problemi ewlenin li taffaċċja s-sistema edukattiva ta' Malta hi li l-kurrikuli fl iskejjel tagħna jiffukaw kważi b'mod ossessiv fuq l-eżamijiet. Il-preċident ta' dan juri li għandna bżonn riforma jekk verament nemmnu f'sistema edukattiva aktar holistika u li tirrfiletti l-bżonnijiet tal-llum il-ġurnata. Din ittali riforma għandha ssir wara diskussjoni m'esperti pedagoġiċi kif ukoll mal-*istakeholders* (inklużi il-kunsilli tal-istudenti) u għandha ssir b'mod gradwali mingħajr ma tkisser il-fundament. Nipproponu li l-għan ta' din ir-riforma jkun li l-iskejjel tagħna jipproduċu ċittadini attivi u responsabbli, u hawn fejn tidħol it-tema ta' din ir-reżoluzzjoni. Jekk fl-iskejjel mhux se niddiskutu l-politika b'mod matur, huwa daqsxejn aktar diffiċli li l-maġġoranza tal-istudenti jfittxu li jinfurmaw irwieħhom minn jeddhom. Il-bidla li qed nipproponu hi waħda ta' mentalità, kemm tal edukaturi, kif ukoll f'dik li hi mentalita' li l-istudent jitgħallem japplika. Nesiġu li l-iskejjel tagħna jrawwmu studenti b'mentalità ċivika attiva u mhux apatetika.

It-tgħalim tal-politika għandu jagħti emfażi qawwija fuq kunċetti bħall-ħsieb kritiku, il-ġid komuni, u d-drittijiet tal-bniedem. Kif ukoll l-applikazzjoni ta' dawn il-valuri billi jitgħalmu fuq il-perikli tal-tribaliżmu fil-politika' u l-analażi kritika tal-midja, fost oħrajn.

**<u>3. L-introduzzjoni t'elementi relatati mal-politika f'livell t'edukazzjoni Primarju</u>**

Waqt li l-istudenti li jattendu l-iskola Primarja ġeneralment ikunu għadhom wisq żgħar biex jieħdu sehem b'mod effettiv f'diskussjoni politika, nemmnu li hemm post fejn jigu introdotti aspetti aktar sottili relatati mal-ġrajjiet kurrenti u l-politika. Dawn l-aspetti, li għandu jinstgħab post għalihom fis-sillabi jinkludu:

- Problemi li jaffettwaw il-lokalità fejn tinsab l-iskola; inkluż il-ħmieg fit-toroq, is sistema tar-reciklagg li tintuża, it-traffiku u oħrajn.
- Il-fatt li fis-socejtà nsibu nies li huma għaddejin minn sitwazzjonijiet differenti u potenzjalment anki difficli bħall-faqar u diskriminazzjoni
- Il-programmi u l-inizzjattivi relatati mat-tfal li l-gvern tal-mument ikun qieghed jimplementa.

L-aspetti msemmijja jistgħu jiddaħlu fis-suġġetti rispettivi bl-użu ta' videos, animazzjonijiet, diskussjonijiet bażici u potenzjalment anki reċti (plays).

Meta nħarsu lejn livelli oħra lil hinn mill-primarja, importanti li min hu interesat fil-politika, u lest li jinvesti l-ħin u l-enerġija tiegħu, jeħtieġlu jirċievi t-taħriġ neċessarju. Dan jinkludi *soft* u anke *hard skills* eżempju dwar liġijiet, l-irwoli parlamentari u oħrajn. Dan it tgħalim għandu jiġu offrut lil kull min hu interessat sabiex ħadd ma jaqta' qalbu li mhux preparat jew li ma jafx x'għandu jistenna.

**<u>4. Nikkreaw lok ta' diskussjoni politika f'istituzzjonijiet sekondarji u post-sekondarji</u>**

F'diversi istituzzjonijiet sekondarji u post-sekondarji, wieħed jista' jsib kunsilli tal-istudenti u forsi ftit għaqdiet oħra relatati mal-politika però nemmnu li għandu jkun hemm aktar spazju għall-diskussjoni każwali fuq il-politika mingħand l-istudenti. Dan jista' jitwettaq permezz tal-kreazzjoni ta' gruppi f'istituzzjonijiet sekondarji u post-sekondarji b'forma ta' koordinazzjoni, anke potenzjalment mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ, fejn l-istudenti jkunu jistgħu jiddiskutu sett ta' suġġetti relatati ma' ġrajjiet kurrenti u jagħmlu proposti lill-mexxejja lokali fuq dawn. Il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijet sekondarji u post-sekondarji f'dawn il-gruppi huwa mħeġġeġ, speċjalment jekk ikunu qegħdin isegwu sett ta' suġġetti u temi komuni. La ż-żgħażagħ ta' 16-il sena ngħataw il-vot, għandha tkun opportunità ta' tagħlim għall-istess studenti, li jafu jkunu fil-ħames sena tas-sekondarja, biex ikunu ċittadini aktar infurmati li jkunu kapaċi jużaw il-vot tagħhom sew.

**<u>5. NGO's jkollhom opprotunita ta' pjattafroma attiva ġewwa l-iskejjel</u>**

Hu fatt magħruf li hawn numru sabiħ ta' għaqdiet mhux governattivi li jagħmlu xogħol impekkabbli fil-qasam tagħhom. L-isfortuna pero' hi li ħafna persuni lanqas jafu bihom u bix-xogħol li jagħmlu. Għalhekk jista' jagħti l-każ li jekk dawn l-għaqdiet jingħataw l opportunità li jżuru l-iskejjel tagħna, jersqu lejhom żgħażagħ li jħossuhom parti mill kawża tal-għaqda. Filwaqt li dawn iż-żgħażagħ ikunu qed jinvolvu ruħhom fl-attiviżmu, dawn l-għaqdiet jiġbdu lejhom talent żagħżugħ li jgħinhom jirriġeneraw irwieħhom. Din għalhekk hi proposta li tibbenefika lil kulħadd.Tajjeb li nirrikonoxxu wkoll li b'dan mhux

nifhmu biss NGOs li huma purament politiċi imma sphera hafna ikbar. Għaqda mhux governattiva fil-qasam tal-kultura tista' twessa' l-orizzonti taż-żgħażagħ li jipparteċipaw fiha u b'hekk trendihom ċittadini aktar kompluti.

**6. Ngħollu l-livell tal-Assoċjazzjonijiet tal-istudenti u kif wkoll ikun hemm akkreditazzjoni mistħoqqa għall-Attiviżmu**

Hemm ħafna studenti li jiffurmaw parti minn għaqdiet studenteski fi ħdan id-diversi istituzzjonijiet edukattivi fil-pajjiż. Dawn l-organizzazzjonijiet jew kunsilli ta' studenti ħafna drabi huma l-ewwel pass tal-vjaġġ taż-żgħażagħ lejn l-attiviżmu. Filwaqt li l-ħidma fi ħdan dawn l-organizzazzjonijiet varji għandha ħafna benefiċċji, bħalissa mhix akkreditata akkademikament. Fl-Università huwa possibbli għall-organizzazzjonijiet ta' studenti li japplikaw għal kollaborazzjonijiet ma' DegreePlus, fejn il-membri tagħhom jiksbu ċertifikat meta jimlew ċertu numru ta' sigħat jgħinu lill-organizzazzjoni. Filwaqt li dan juri x-xogħol volontarju fit-traskrizzjoni akkademika, ikun iktar utli jekk l-istudenti jkunu jistgħu jiksbu kreditu żejjed għax-xogħol tagħhom fi ħdan l-organizzazzjonijiet jew bħala rappreżentanti tal-istudenti. Dan jista jkun ta' inċentiv għall-istudenti biex jagħmlu xogħol estra-kurrikulari bħal dan, u jiksbu l-benefiċċji fil-proċess.

L-awtoritajiet għandhom joffru s-sapport għal din il-ħidma volontarja permezz ta' żieda fl-istipendju jew laqgħat serji ta' diskussjonijiet fejn it-tibdil huwa tanġibbli. L-attitudni tal politiċi għall-proposti miġjuba minn dawn il-gruppi tirrifletti l-moħħ miftuħ, konsultattiv u l enerġija pożittiva jew le fil-partiti tagħna.

Id-dibattiti fi ħdan l-Università bħalissa jinsabu f'punt baxx ħafna. Filwaqt li hemm inizjattivi fis-seħħ bħal MUDU u l-fora KE u KPS stabbiliti mill-KSU, dawn ħafna drabi jintużaw biss minn studenti li diġà huma parti mill-isfera tal-attiviżmu, jew billi jokkupaw rwol fl-għaqdiet studenteski membri jew bħala rappreżentanti tal-istudenti. L-għaqdiet studenteski għandhom jiġu mħeġġa jorganizzaw dibattiti pubbliċi fejn suġġetti kurrenti u kontroversjali huma proposti, biex jinstigaw interess.

Żewġ punti possibbli fejn jistgħu jiġu introdotti dibattiti huma:

1. L-elezzjonijiet għar-rappreżentanti tal-istudenti tad-diversi FICS fl-UM (speċjalment dawk fis-Senat u l-Kunsill).
2. Elezzjonijiet għal rwoli fi ħdan il-bord eżekuttiv tal-organizzazzjonijiet tal-istudenti.

**7. Għajnuna b'rivużjoni għall-istudenti li m'għandhomx impjieg full time li jixtiequ jikkandidaw ruħhom għall-elezzjonijiet tal-kunsilli lokali**

Inħeggu l-partecipazzjoni taż-żgħażagħ fl-elezzjonijiet billi nipprovdu parti mir-rifużjoni ta' spejjes meħtiega bl-ammont tal-għajnuna allokata tkun tiddependi fuq in-numru ta' votanti eligibbli f'kull lokalità (mhux kull raħal huwa l-istess; hemm irħula ta' 400 ruħ u hemm oħrajn ta' 4,000). Dan jgħodd għall-kandidati li jkunu ghadhom studenti biex il

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

gvern ikun jista' jgħin fil-kampanji elettorali tagħhom. Generalment, il-kampanji elettorali jirrikjedu ammont minimu ta' flus biex isiru. Ir-raġunijiet għal dan huma diversi u jinkludu flejjes li jintefqu biex ngħinu lil kandidat jwassal il-messagg politiku tieghu. Minħabba dan, nemmnu li hemm lok ghal xi forma ta' rifużjoni mingħand l-istat għall-kandidati żgħażagħ studenti biex jitnaqqas il-piż finanzarju minn fuqhom waqt li jkunu qed imexxu l-kampanja elettorali taghhom. Ir-razzjonal wara dan is-suggeriment huwa li l-istudenti generalment ikollhom inqas flus fl-idejn ħabba li jkunu ilhom inqas snin jaħdmu part time jew inkella jkunu jgħaddu bl-istipendju biss li jirriżulta fi dħul limitat.

## 8. Parteċipazzjoni fuq livell Ewropew

Bla ebda dubju, hemm diversi opportunitajiet miftuħin ghaż-żgħażagħ sabiex ikunu attivi fil-politika. Li hemm bżonn iktar ċarezza u bibien miftuhin sabiex il-vuci żgħażugħa tkun imsemmija f'livelli, organi u istituzzjonijiet differenti speċjalmnet dawk Ewropei.

Ma nistgħux ninkoragixxu studenti biex ikollhom esperjenzi barra minn pajjizna, biex jintegraw ma' studenti barranin li hija ikkunsidrata bħala waħda mill-aqwa metodi ta' studju, umbgħad din tigi ikkastigata, specjalment minn att ta' universita għaliex tigi mnaqqsa l-attendenza bis-sogru li ma jaddukx mill-course. Dan jista' jseħħ billi jingħata spazju, possibiltà u vuċi fuq livell Ewropew ġo fergħat taż-żgħażagħ permezz ta' study leave/gap year għall-istudenti fuq bordijiet/kumitati/organizzazjonijiet li jkunu jixtiequ jagħmlu opportunità barra minn Malta imma minħabba impenji ta' studju, din ma tkunx possibli. L-istudenti għandhom jigu skuzati mill-lectures meta japlikaw biex jattendu opportunitajiet internazzjonali edukattivi

Importanti li jkun hemm ukoll rikonoxximent ta' dan it-tip ta' parteċipazzjoni fis-CV tal istudent għaliex jekk vera nemmnu li esperjenzi bħal dawn għandhom jigu promossi mal-istudju, hemm bzonn li jkunu premjati l-istudenti li jagħmlu ħilithom kollha biex jitgħallmu minn esperjenzi bħal dawn.

Huwa rakkomandat li l-parteċipazzjoni u l-involviment taż-żgħażagħ ma jkunx fuq livell t'interess u ta' prova imma fuq livell professjonali. Dan jeħtieġ l-ewwel nett taħriġ akkademiku fejn iż-żgħażagħ jingħataw l-ewwel opportunità li jinbnew u jsawru l-ideat tagħhom fuq livell teoretiku. Din il-binja fil-ħsieb twassal għall-implementazzjoni tal ideat u l-proposti. Iż-żgħażagħ iridu jingħataw ukoll l-opportunità li jirriflettu fuq l implementazzjoni permezz ta' skills u għodod meħtieġa li jirfinaw l-azzjonjiet . Dan ifisser li l-Instituzzjonijiet akkademiċi u vokazzjonali f'pajjiżna fosthom l-Università ta' Malta, l-MCAST u l-Institute for Education fi ħdan id-Direttorati tal-Edukazzjoni f'Malta joffru korsijiet ta' tmexxija liż-żgħażagħ f'livell ta'Baċellerat, Masters u Dottorat.

## **9. Opportunitajiet għaz-żgħażagħ lil hinn mill-bank tal-iskola għal dawk iz żgħażagħ Full Timers**

Irridu nirrikonoxxu li mhux kull żagħżugħ hu student u għandu xi istituzzjoni edukattiva li toffrilu l-opportunitajiet li jingħaqad ma' xi għaqda studenteska, imma hemm min li, għal raġunijiet diversi, waqaf mill-istudji tiegħu sabiex jibda jesplora d-dinja tax-xogħol. Dawn iż-żgħażagħ m'għandhomx jintesew, u għalhekk għandna nippromwovu l-attiviżmu b'mod li jilħaq lill-ħaddiem daqskemm jilħaq lill-istudent. Dan jista' jsir permezz ta' kampanji edukattivi fuq il-midja tradizzjonali u l-midja soċjali li jgħallmu liż-żgħażagħ dwar l-irwoli u d-drittijiet tagħhom bħala ċittadini, u l-mezzi ta' kif huma jistgħu jikkontribwixxu fil-komunitajiet u s-soċjetà tagħhom.

# Membri

Martina Grech (Kordinatur)
Nolan Camilleri (Vici Koridnatur)

Membri –
Aurora Attard (proposals, proofreading of document and minutes of almost every meeting)
Steve Zammit Lupi (proposals and design of document)
Laura Cassar (proposals)
Gloria Montebello (proposals and minutes)
Amy Briffa (proposals)
Yacopo Baldacchino (proposals and proofreading)
Lucienne Gafa (proposals)
Alesea Spiteri (proposals)
Luke Vella (proposals)
Jacob Callus (proposals)
Martina Livori (proposals)
Ruslana Barbara (proposals)
Tiziana Aljjasem (proposals)
Laura Marie Mercieca (proposals)
Giosue Aguis (proposals)
Selma Zinou (proposals)
Anna Mercedes Fava (proposals)
Miguel Abela (proposals)
Julianne Vella (proposals)
Ryan Sciberras (proposals)

Grazzi speċjali tmur għal membru fi ħdan il-KNZ Gianluca Vella li kien ta' għajnuna kbira għall group tul din l-esperjenza.

KUNSILL NAZZJONALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ
50, LION STREET, FLORIANA, FRN1513, MALTA
21 245 376 | INFO@KNZ.ORG.MT

# Anness 1

*Links* bżonnjużi -

- https://eacea.ec.europa.eu/national-policies/en/content/youthwiki/52-youth-participation representative-democracy-malta

- Artikli bi statistiċi : https://www.maltatoday.com.mt/news/national/94781/revolution_delayed_maltese_millen nials_among_least_to_protest_in_europe#.X0PlIMgzaUk

- https://cor.europa.eu/en/events/Pages/role-young-people.aspx